MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 2194/2003

**GasanMamo Insurance Limited**

**Vs**

**Carmen Barbara**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Ottubru 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta' Lm487.80 (erba mija sebgha u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu) rapprezentanti ta' spejjez legali u drittijiet professjonali.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Is-socjeta` attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna l-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba` mija u sebgha u tmenin lira u tmenin centezmu (Lm487.80) rapprezentanti spejjez legali u drittijiet professjonali mhallsa mis-socjeta` attrici fil-kawza

fl-ismijiet “Claus Steffen Peters – vs – Carmen Barbara”, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Otubru, 2001 (Citazz Numru 2566/99GCD) f’liema kawza saret ammissjoni ghat-talbiet ta’ l-attur Claus Steffen Peters da parti tal-konvenuta, u dana stante illi l-istess konvenuta konxjentement xehdet f’dik il-kawza b’verzjoni ghal kollox differenti minn dik li kienet rrilaxxjat lis-socjeta` attrici qabel ma nfethet l-istess kawza, u dana bi ksur ta’ l-obbligu taghha bhala asikurata mas-socjeta` attrici illi zzomm lis-socjeta` attrici “*in a relationship of utmost trust*”.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-15 ta’ Novembru, 2002, u tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ dan l-Avviz, u bl-imghaxijiet mill-15 ta’ Novembru, 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
It-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-drittu ghandha tigi michuda stante u l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici m’huwiex dovut mill-konvenuta u dan kif jigi ppruvat bil-provi li jridu jigu prodotti fil-mori tal-kawza odjerna.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi din il-kawza tikkoncerna talba ghal risarciment ta’ spejjes gudizzjarji inkorsi mis-socjeta` attrici wara incident awtomobilistiku li kellha l-konvenuta.

Jirrizulta li l-konvenuta kellha polza ta’ assikurazzjoni mahruga lilha mis-socjeta` attrici. Fuq l-informazzjoni mghotija mill-konvenuta stess is-socjeta` attrici ddefendiet il-kawza. Matul il-kors tax-xhieda rrizulta li l-versjoni mghotija minnha kienet differenti minn dik mghotija lil Pulizija u lill-istess socjeta` attrici.

Illi r-relazzjoni ta’ bejn asiguratur u assugurat hija wahda ta’ fiducja genwinita` u onesta ghall-ahhar. Socjeta` assiguratrici, tramite l-istess polza ta’ assigurazzjoni, tiirrikjedi ta’ lealta` massima sia ghar-riskju kopert u sia

ghal konsegwenzi tal-istess. Meta wara x-xhieda taghha rrizulta diversament il-konsulent legali inkarigat mis-socjeta` attrici bidel id-difiza ghal wahda ta' ammissjoni. Ma setax jaghmel diversament meta gie rinfaccjat f'sitwazzjoni u fatti godda li kienu mghotija in prim ordine, il-kawza ma kienet issir u frankanti l-ispejjes, meritu ta' din il-kawza.

Jirrizulta li l-konvenuta naqset b'mod grossolan fid-doveri taghha vera s-socjeta` attrici, fl-esekuzzjoni ta' obbligi taghha minnha assunti.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenuta jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna thallas s-somma ta' Lm487.80 bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------